**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

**Rikors nru : 122 /2025 AGV**

**AB**

**vs.**

**A sive SA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- RIKORS ta' AB datat 12 ta' Marzu 2025;**

Tesponi bir-rispett ILLI:

1. Il-kontendenti żżewġu nhar it-12 ta' Mejju, 2000 u dan kif inhu konfermat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ (hawn anness u immarkat bħala Dok. A).

2. Minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom żewġt itfal – JA u CA , liema tfal illum huma tnejn maġġorenni u għandhom impjieg.

3. Il-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-23 ta' Ottubru, 2024 fl-atti tan-Nutar Luke Caruana (hawn anness u immarkat bħala DOK B).

4. M'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom xhur mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Fir-rigward ta' manteniment, skont il-kuntratt ta' separazzjoni m'hemm ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-kontendenti filwaqt li fir-rigward tal-manteniment tal-ulied, dawn m'humiex intitolati għal manteniment stante li huma maġġorenni u għandhom impjieg.

6. In vista tal-fatti suesposti, il-kontendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien imħolli mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti, rat li l- konvenut ma ghandux oġġezzjoni ghat-talba tad-divorzju.

Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ccelebrat fit- 12 ta' Mejju 2000

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**